Ref Nru: 30

Il-minuti tat-tletin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 23 ta' Jannar 2015, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Clint Camilleri

Vici Sindku: Paul Buttigieg

Kunsillieri: Paul Buttigieg
Jesmond Borg
Victor Grech

Segretarja Ezekuttiva: Marcia Borg

Skuzat:

Ambaxxatur: Christoph Caruana

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tad-disgha u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tad-disgha ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3. Karnival 2015.**

3.1 Is-Sindku semma li l-attivita' tal-Karnival ser tigi organizzatha l-Gimgha 13 ta' Frar 2015 peress li s-Sibt ser ikun hemm attivita` r-Rabat bis-sehem tal-istess gruppi li ser jiehdu sehem fil-Qala. Ser jitqassam *leaflet* dwar din l-attivita` f'kull dar fil-lokalita`.

**4 EAFRD mizura 313.**

4.1 Is-Sindku semma li l-bankini ta' madwar Pjazza San Guzepp tkomplew u kwazi lesti. Il-*folk museum* tlesta wkoll u li c-cerimonja tal-inawgurazzjoni kienet tajba hafna. Huwa semma li fil-gnien ta' rikreazzjoni is-sigar li thawwlu huma sbieh u li dawn insqew biex ma jmutux. Huwa semma li ghad baqa li jigi installat id-dawl. Is-Sindku semma li qed isir it-tqattieh tal-bqija tal-*ground* tal-*football* u li ghad baqa xi bicca u li dalwaqt ser ikun lest. Huwa semma li l-hamrija li hemm ser tintuza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar jekk id-*dressing rooms* humiex ser isiru taht il-*ground* ma gemb il-*clubhouse.* Is-Sindku semma li trid hafna spejjez sabiex isir dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma wkoll li issa l-waqt li jsir dan ix-xoghol. Is-Sindku semma li bhalissa ser isir it-thammil ta fejn ser isiru dawn id-*dressing rooms* u imbaghad wara dan jissaqqaf mill-Qala Saints Football Club. Is-Sindku semma wkoll li jrid jigi mqabbad xi hadd sabiex jiehu hsieb il-gnien tar-rikreazzjoni kif ukoll 'Gnien il-Hajja'.

**5 Hrug tal-offerti ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar u ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa.**

5.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar u ghat-tisbih tal-gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa.

**6 Laqgha mal-Inginier Charlie Camilleri WSC**.

6.1 L-Inginier Charlie Camilleri tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ma giex. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ma jahsibx li ghandu ghalfejn jigi peress li x-xoghol fuq il-*pipeline* tal-ilma qed isir. Il-Vici Sindku kompla li huwa kien ilu li talab sabiex isir laqgha ma dan l-Inginier minn Awwissu 2014. Is-Sindku semma li huwa tkellem mal-Korporazzjoni Enemalta biex jekk huma fil-hsieb li jghaddu l-*fibre optic* mill-lokalita` tal-Qala ghandu jigi mghoddi issa kif hemm it-toroq miftuhin. Huwa semma li nformawh li l-*fibre optic* mhu ser jigi mghoddi qatt mill-lokalita` tal-Qala. Is-Sindku semma wkoll li bhalissa qed isiru l-*gutters* bil-konkos mal-gnub ta' Imgarr Road u wara ser jinghata t-tarmak. Huwa semma li s-servizzi tal-ilma tan-nies ser jinbidlu kollha.

**7 Korrispondenza.**

7.1 Notifika t'avviz mibghuta minn George Cini ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF/00428/14, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

7.2 *Memo* 34/2014 mibghuta minn Carmel Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar aggornamenti tal-laqghat tal-Kunsilli Lokali.

7.3 *Memo* 30/2014 mibghuta mill-Silvio Frendo A/Direttur fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Spazju Pubblici – Zona Miftuha. Intbaghtu diversi applikazzjonijiet mill-Kunsill.

7.4 *Memo* 27/2014 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela dwar skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2014-2015. Giet issottometta applikazzjoni mill-Kunsill ghall-*Qala International Folk Festival 2015.*

7.5 Ittra mibghuta minn Joe Attard mill-Green MT dwar proposta ta' ftehim gdid tal-gbir ta' Skart Riciklabbli 2015-2016. Il-Kunsill iddiskuta li m'ghandux jaccetta dan il-ftehim peress li l-Green MT ghandhom xi kontijiet tal-Kunsill mill-ftehim precedenti, li ghadhom ma thallsux.

Gew diskussi xi materji ohra:

Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri qed jipprepara applikazzjoni ghat-tabelli li ser jaghtu indikazzjoni lis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi, dwar r-rotta li jrid juza u li ghandu fil-permess.

Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li gie ssuggerit minn xi ghaqda filantropika li huma jixtiequ jaghmlu xi wirja tal-bolol fuq il-*folklore*, gie diskuss li din tista` jsir fil-*Qala International Folk Festival* li jmiss.

Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva ittra minghand il-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura, Gvern Lokali dwar fond ghall-Progetti Kapitali tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li tista` tigi sottomessa applikazzjoni ghat-tkomplija tal-progett tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Il-Vici Sindku semma li huwa jippreferi li l-Kunsill ghandu japplika ghal-kostruzzjoni ta' *water culvert* fi Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li ser jigu ppreparati zewg stimi dwar dawn il-progetti u jigu ssottometti zewg *options*.

Stima mibghuta minn Thomas Xerri minn Xerri's Garden Centre ghal manutenzjoni generali ta' 'Gnien il-Familja' u l-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr.

Gie trattat ftehim bejn l-Kunsill Lokali u l-Gozo College Qala Primary School, dwar l-uzu tal-bini tal-iskola ghall-lezzjonijiet tal-*fitness*. Il-Kunsill qabel ma dan il-ftehim.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-2 ta' Dicembru 2014 sat-23 ta' Jannar 2015 minn referenza numru 235/14 sa referenza numru 249/14 u minn referenza numru 1/15 sa referenza numru 17/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 83/14 sa referenza numru 87/14 u minn referenza numru 1/15 sa referenza numru 3/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

QALA

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.  Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2015.

______________________
Clint Camilleri
Sindku

______________________
Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva